**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 534/2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Owen Bonello**

**<u>Illum 21 ta' Novembru, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Owen Bonello** detenur tal-karta tal-identita Maltija **135180M** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, ġie akkużat talli nhar l-20 ta' Lulju 2022 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel f'*Benmar,* Triq Dawret it-Tunnara, Għadira, Mellieħa, fil-kapaċita' tiegħu ta' *Project Supervisor* maħtur mill-klijent:

   i) Naqas li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikolu 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018;

   ii) Naqas li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja

tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol billi naqas milli jfassal pjan tas-saħħa u s-sigurta' qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini tal-artikolu 5(4)(a) tal-Avviż Legali 88 tal-2018;

iii) Naqas li jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Avviż Legali 88 tal-2018 sabiex jassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom japplikaw il-prinċipji relevanti f'manjiera konsistenti u meta meħtieġ, isegwu l-pjan tas-saħħa u s-sigurta' u dan ai termini tal-artikolu 5(4)(d) tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Dicembru,2022, wara li rat id-disposizzjonijiet tal-liġi relevanti, senjatament ir-regolamenti 6, 5(4)(a) u 5(4)(d) tal-Avviż Legali 88 tal-2018, sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha supra-dedotti u kkundanatu għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' €2,200.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Owen Bonello, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Diċembru 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i) Fi-dawl tal-aggravju 'B', a bażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bażi tal-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tirreferi l-vertenza ta' natura kostituzzjonali hemm esposta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt li r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 ma jgħabbix lill-Prosekuzzjoni b'ebda' livell ta' prova qabel tiskatta l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għal

fuq l-ispalla tal-akkużat, huwiex leżiv tal-priċipju tal-innoċenza kif salvagwardjat bl-artikolu 6(2) u 39(5) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani u l-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament u sabiex tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni sabiex tkun rimedjata din il-vjolazzjoni li qiegħed u/jew li sejjer potenzjalment iġarrab l-appellant;

<u>**u**</u>

ii) *In segwitu* tgħaddi sabiex, fid-dawl tal-aggravji 'A' u 'B', tħassar is-sentenza appellata in kwantu l-appellant ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u minflok tilliberah minnhom;

<u>**jew**</u>

iii) Sussidjarjament tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta u dana fid-dawl tal-aggravju 'C'.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. <u>**Ebda aġir kolpuż *da parte* tal-appellant**</u>

2. Bl-ewwel imputazzjoni, l-appellant ġie mixli ġenerikament talli naqas li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol fil-kapaċita' tiegħu ta' *Project Supervisor* u dana bi ksur tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

3. Il-każ kollu tal-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kien mibni fuq xhud wieħed – l-uffiċjal tal-OHSA Mira Borg Pisha – li fid-deposizzjoni tagħha saħqet li mill-ispezzjoni minnha kondotta nhar l-20 ta' Lulju 2022 setgħet tirriskontra nuqqas konsistenti f'assenza ta' lqugħ fuq il-parti ta' fuq tal-binja *de quo* u wkoll li l-entrati tal-istess binja ma kienux magħluqin b'mod sigur u kwindi seta' faċilment kien hemm aċċess liberu għal terzi.
4. Bla kliem u bla sliem, fis-sentenza appellata, a bażi **<u>biss</u>** ta' dak mistqarr mix-xhud Mira Borg Pisha u d-dokumenti minnha esebiti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li huwa l-appellant qua *Project Supervisor* li penalment jaħti għal dawn in-nuqqasijiet u kwindi ħolqot ness bejn l-aġir tiegħu u dawn in-nuqqasijiet riskontrati u naqset għal kollox milli tgħarbel is-segwenti domandi qabel waslet għall-ġudizzju tagħha:

i) Seta' kien ħaddieħor, senjatament il-klijent u/jew il-kuntrattur, li kellu jieħu ħsieb jara u jassigura li tali nuqqasijiet ma jkunux hemm?

ii) Ġew prodotti provi suffiċjenti mill-Proskeuzzjoni li juru li l-appellant qua *Project Supervisor* ma ndirizzax dawn in-nuqqasijiet u ma ġibidx l-attenzjoni tal-klijent għall-istess nuqqasijiet?

iii) Seta' kien il-klijent u/jew il-kuntrattur tramite l-ħaddiema tiegħu li mexa kontra d-direttivi lilu mogħtija mill-appellant fil-kapaċita' tiegħu ta' *Project Supervisor*?

iv) Mill-provi limitatissimi prodotti quddiemha, setgħet l-Ewwel Qorti raġjonevolment tikkonkludi li l-appellant aġixxa b'mod kolpuż?

5. Il-domanda (iv) f'dan l-elenku ta' domandi hija fl-umli fehma tal-appellant ċentralissima għar-raġuni illi r-regolament 6[1] tal-Avviż Legali 88 tal-2018, li a bażi tiegħu l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant Bonello, għandu jinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi r-regolament li jsegwi *ossia* r-regolament 7 sabiex b'hekk meta **ma jkunx hemm ebda aġir negliġenti da parti tal-*Project Supervisor* tal-proġett**, l-ebda azzjoni penali ma tista' tittieħed fil-konfront tiegħu.

6. Għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb, ir-regolament 7 su riferit jiddisponi testwalment is-segwenti:

> "L-ebda azzjoni, jew proċedimenti oħra għad-danni għandha tkun jew ikunu stitwiti kontra *supervisor* tal-proġett għall-att li jsir bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, **kemm -il darba s-supervisor tal-proġett ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti**." [sottolinejar tal-appellant].

7. B'kull rispett, l-irwol tal-Prosekuzzjoni fi proċedimenti penali ma hux biss li tidentifika nuqqas u tieqaf hemm. Jinkombi wkoll fuq il-Prosekuzzjoni, anke *in linea* mad-dettami tar-regolament 7 supra-kwotat, li mhux biss tirriskontra nuqqas u perikolu iżda wkoll li:

   i) Tipprova sodifaċjentament li kien hemm ness ta' kawżalita' bejn l-aġir tal-akkużat u n-nuqqas riskontrat, u;

   ii) Tipprova sodifaċjentament ukoll li tali **aġir kien wieħed negliġenti**.

[1] "Is-supervisor tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol".

8. Fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni x'għamlet quddiem l-Ewwel Qorti? Irriskontrat li kien hemm xi nuqqasijiet *in situ* u minn hemm konvenjentament straħet fuq dak maħsub fir-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 li effettivament jikkonverti l-oneru tal-prova għall-fuq l-akkużat sabiex huwa jiddefendi l-posizzjoni tiegħu u jagħti spjegazzjoni għan-nuqqas. Iżda fuq dan ir-regolament speċifikament, l-appellant ser jgħaddi iżjed rimarki fl-aggravju li se jsegwi.

9. Wara kollox, jistipula x'jistipula ir-regolament 15, id-dettami tar-regolament 7 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 huwa wieħed ċar kristallin. Il-Prosekuzzjoni trid iġġib il-prova tal-*culpa.* U *se mai* tiskatta l-inverżjoni tal-prova għal fuq l-akkużat, hekk kif kontemplat fir-regolament 15, **wara** li l-Prosekuzzjoni tkun sodifaċjentament pprovat l-aġir kolpuż *da parte* tal-akkużat **u mhux qabel**.

10. Id-domanda allura hija waħda u sempliċi. Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ġabet prova sal-grad rikjest mill-liġi fil-kamp penali li l-aġir tal-appellant fil-kapaċita' tiegħu ta' *Project Supervisor* kien wieħed negliġenti?

11. L-appellant jikkontendi li le u dana mhux biss għaliex il-Prosekuzzjoni kull ma għamlet f'dawn il-każ huwa li rriskontrat nuqqasijiet u waqfet hemm iżda wkoll għaliex mill-provi prodotti jemerġu indizzji univoċi li filfatt jimmilitaw favur l-appellant u juru li huwa qua *Project Supervisor* ħa ċertu azzjonijiet u kien diliġenti.

12. Ibda' biex ix-xhud solitu prodott mill-Prosekuzzjoni *ossia* l-uffiċjal tal-OHSA Mira Borg Pisha, apparti li esebiet il-*Construction Notification Form (CNF)*[2] relattiva u kopja ta' *email* fejn talbet lill-appellant iforni l-

[2] Dok. MBP1.

pjan ta' saħħa u sigurta' tax-xogħlijiet[3], esebiet ukoll ritratt wieħed[4] tal-binja li ttieħed mix-xhud stess dakinhar li saret l-ispezzjoni.

13. U x'jidher f'dan ir-ritratt? Propju jidher li l-lqugħ huwa armat mal-gallariji tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) sulari u l-uniku parti fejn ma hemmx lqugħ u ma hux mgħotti u protett huwa l-*penthouse* u l-bejt tal-binja.

14. Dan fih innifsu x'juri? Jekk xejn juri li direzzjoni u struzzjonijiet *da parte* tal-appellant sabiex jiġi armat l-lqugħ kien hemm. Kieku ma kien ikun hemm ebda' lqugħ *in the first place*! U allura hija kbira l-probabbilita' li kien il-klijent u/jew il-kuntrattur li naqas li jarma l-lqugħ fil-*penthouse* u mal-bejt **minkejja li l-appellant aktarx iva milli le tahom dik l-istruzzjoni**.

15. Fuq kollox **il-liġi mkien ma tagħti lil *Project Supervisor* is-setgħa li jwaqqaf ix-xogħlijiet huwa** u kull ma seta' jagħmel kien li jallerta' u jiġbed l-attenzjoni tal-klijent u/jew tal-kuntrattur dwar in-nuqqasijiet li huwa jirriskontra *in situ.* Jekk dawn għamlu fattihom, ċertament ma jaħtix l-appellant!

16. Bil-fatt waħdu li rriskontrat nuqqasijiet *in situ* u waqfet hemm, il-Prosekuzzjoni kienet ferm u ferm il-bogħod milli tilħaq oneru fuqha mpoġġi mir-regolament 7 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 li tipprova aġir negliġenti *da parte* tal-appellant. Il-Prosekuzzjoni kien jirnexxielha tipprova tali aġir kolpuż b'mod sodifaċjenti kieku ġabet prova jew provi:

[3] Dok. MBP2.
[4] Dok. MBP.

i) Li l-appellant naqas li jallerta' lil klijent għal xi nuqqasijiet li jkun hemm fuq is-sit;

ii) Li l-appellant naqas li jagħmel superviżjoni kontinwa tas-sit;

iii) Li l-appellant naqas li jikkordina x-xogħol bejn id-diversi kuntratturi u ħaddiema li talvolta jkunu qed jaħdmu fuq il-proġett;

iv) Li l-appellant naqas li jfassal u jħejji pjan ta' saħħa u sigurta'.

v) Li l-appellant naqas li jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fuq is-sit.

vi) Li l-appellant kien passiv u ma rax li l-pjan u s-suġġerimenti minnu magħmula qed jiġu osservati minn min għandhom jiġu osservati.

17. Il-Prosekuzzjoni pero' lanqas biss wasslet viċin li tipprova dan kollu u ċertament allura is-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma tistax titqies bħala waħda *safe and satisfactory* ġialadarba huwa ċarissimu li l-każ tal-Prosekuzzjoni kien mtappan u mifni b'dubji u inkongruwenzi u li kwindi l-istess Prosekuzzjoni naqqset li tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi.

B. **<u>Dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova</u>**

18. F'paġna tlieta (3) tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti immotivat il-ġudizzju tagħha billi għamlet aċċenn għall-fatt illi r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 iqiegħed l-oneru tal-prova f'dawn it-tip ta' każijiet fuq l-ispalla tal-akkużat u kwindi, skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, kien jispetta lill-appellant u mhux lill-Prosekuzzjoni li jagħti spjega għan-nuqqasijiet riskontrati mill-OHSA.

19. Għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb, ir-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 jiddisponi testwalment is-segwenti:

> "F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."

20. L-appellant pero' b'kull rispett ma jaqbilx mal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għal fuq id-difiża tiskatta b'mod awtomatiku appena l-Prosekuzzjoni tirreklama u tidentifika nuqqas u tieqaf hemm!

21. Fl-ewwel lok għaliex kif ġia aċċennat fil-paragrafu tlettax (13) ta' dan l-appell, ir-regola kontenuta fir-regolament 7 għandha tippreċedi r-regola kontenuta fir-regolament 15 tal-Avviż Legali *de quo* u jekk allura *se mai* f'xi mument tiskatta l-inverżjoni tal-prova għal fuq l-akkużat, hekk kif

kontemplat fir-regolament 15, dan għandu jsir **wara u mhux qabel** ma l-Prosekuzzjoni tkun pprovat l-aġir kolpuż tal-akkużat.

22. Dan fih innifsu diġa' juri li l-Prosekuzzjoni ma tistax kemm sempliċiment tirriskontra nuqqas u tieqaf hemm iżda ċertament għandha tmur oltre!

23. Fit-tieni lok, minkejja li hawn si tratta ta' *lex specialis,* jekk minn issa l'quddiem fi proċeduri penali ser tibda' tiġi adottata u segwita' din il-prassi tal-inverżjoni tal-provi, mela allura jkunu qed jiġu mnaqqra u spustati l-prinċipji kardinali u bażilari li sa minn dejjem sawwru il-kamp penali nostran, fosthom iżda mhux biss il-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza.

24. Dan żgur m'għandux ikun. Proċeduri penali jibqgħu proċeduri penali. B'dawn it-tip ta' disposizzjonijiet, il-leġislatur ma hux qiegħed isolvi l-problemi iżda qiegħed joħloqhom u/jew jkompli jneffahom. Flok il-leġislatur ma hu qiegħed jippromwovi investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kompluti u ħolistiċi qiegħed jinċentiva prosekuzzjonijiet laxki u leġġeri.

25. Dawn huma passi kontro-produttivi mhux produttivi.

26. Huma passi kontro-produttivi mhux biss għaliex il-Prosekuzzjoni, aktarx iva milli le, ser tibda' taqta' l-linja d-dritta u tieħu x-*shortcuts* iżda għaliex meta' fi proċeduri penali l-liġi tawtorizza inverżjoni tal-prova fl-għama, il-prinċipju tal-innoċenza li jgawdi minnu indivdwu akkużat ser jiġi mittiefes u kwindi jkun hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu.

27. Jiġi mfakkar li bl-artikolu 6(2) u 39(5) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani u l-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, il-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza jifforma parti integrali u *di fatti* huwa korrollarju tad-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq.

28. Ċertament liġi ordinarja ma tistax kif ġieb u laħaq tisposta u tnaqqar dan il-prinċipju ta' dritt mħaddan fi dritt fondamentali – kif fl-opinjoni tal-appellant jagħmel ir-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

29. B'analoġija, anke l-liġi speċjali regolanti d-delitt serjissimu ta' ħasil ta' flus tirrikjedi li l-Prosekuzzjoni tilħaq ċertu livell ta' prova qabel jiskatta l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għal fuq id-difiża. Tant hu hekk li f'każijiet ta' ħasil ta' flus, l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għall-fuq l-akkużat **<u>tiskatta biss</u>** fil-mument li l-Prosekuzzjoni tipprova, fuq bażi *prima-facie*, li jeżisti ness bejn il-flejjes konċernati u l-attivita' illeċita li tkun iġġenerat l-istess flejjes.

30. Pero' oħroġ il-għaġeb, skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, fi proċeduri penali mibdija mill-OHSA taħt l-Avviż Legali 88 tal-2018, il-Prosekuzzjoni hija ġustifikata li konvenjentament kemm tiddentifika nuqqas u tieqaf hemm mingħajr ma jkollha l-ħtieġa li tipprova xejn iżjed!

31. Dan huwa ġust u sewwa? Fl-umli fehma tal-appellant dan ma hux ġust u sewwa u hija wkoll il-fehma tal-appellant li l-fatt li r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 ma jgħabbix lill-Prosekuzzjoni b'ċertu livell ta' prova, laxk kemm hu laxk, baxx kemm hu baxx, qabel tiskatta l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għal fuq l-ispalla tal-akkużat, huwa leżiv tal-priċipju tal-innoċenza kif salvagwardjat bl-artikolu 6(2) u 39(5) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani u l-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament.

32. F'dan l-isfond issir referenza għad-dokument mħejji mill-Kunsill tal-Ewropa '**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trail (criminal limb)**' fejn taħt l-intestatura 'Burden of Proof', hemm ritenut hekk:

> "387. The presumption of innocence **is violated where the burden of proof is shifted from the prosecution to the defence** (Telfner v. Austria, 2001, § 15). However, the defence may be required to provide an explanation **after the prosecution has made a prima facie case against an accused** (ibid., § 18; Poletan and Azirovik v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, 2016, §§ 63-67). Thus, for instance, the drawing of adverse inferences from a statement by an accused which is found to be untrue does not raise an issue under Article 6 § 2 (Kok v. the Netherlands (dec.), 2000)."

> 388. The Court has also held that the in *dubio pro reo* principle (doubts should benefit the accused) is a specific expression of the presumption of innocence (Barberà, Messegué and Jabardo v. Spain, 1988, § 77; Tsalkitzis v. Greece (no. 2), 2017, § 60). An issue from the perspective of this principle may arise if the domestic courts' decisions finding an applicant guilty are not sufficiently reasoned (Melich and Beck v. the Czech Republic, 2008, §§ 49-55; Ajdarić v. Croatia, 2011, § 51), **or if an extreme and unattainable burden of proof was placed on the applicant so that his or her defence does not have even the slightest prospect of success** (Nemtsov v. Russia, 2014, § 92; Topić v. Croatia, 2013, § 45; Frumkin v. Russia, 2016, § 166; see also Navalnyy and Gunko v. Russia, 2020, §§ 68-69, and

Boutaffala v. Belgium,* § 89, from the perspective of Article 6 § 1). [sottolinejar tal-appellant]

33. L-irraġjonevolezza kkaġunata bid-diċitura sproporzjonata tar-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 ħarġet b'mod ċar anke meta' wieħed iqis li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx biss ħtija fl-appellant tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda wkoll tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet.

34. Bl-imputazzjonijiet tnejn (2) u tlieta (3), l-appellant ġie mixli rispettivament talli naqas li jfassal pjan tas-saħħa u s-sigurta' u talli naqas li jassigura li min jimpjega jsegwi tali pjan tas-saħħa u s-sigurta'.

35. In sostenn ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni, tramite x-xhud Mira Borg Pisha, ipproduċiet dokument konsistenti f'*email* li ġie mibgħut lill-appellant fejn huwa ġie mitlub jibgħat il-pjan ta' saħħa u sigurta' tax-xogħlijiet relattiv.[5]

36. Għax l-appellant għażel li ma jweġibx għal din l-email (kif konfermat mix-xhud Mira Borg Pisha) mela jfisser li pjan ta' saħħa u sigurta' ma kienx hemm u allura l-appellant huwa awtomikament ħati tal-imputazzjonijiet tnejn (2) u (3). Hekk riedet tbellahilna l-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti..

37. Raġunar dan altament illoġiku u sinonomu ma' eżerċizzju ta' sillogiżmu tal-*Aristotelian Philosophy.*

38. Fid-dawl tal-premess, l-appellant jistaqsi:

[5] Dok. MBP2.

i) *Email* fejn l-appellant ġie mitlub kopja tal-*health & safety plan* liema *email* pero' ma ġietx imwieġba tista' titqies bħala prova li *health & safety plan* ma kienx hemm?

ii) U jekk dan l-*email* l-appellant b'xi mod ma wasallux?

iii) U jekk dan l-*email* wasallu pero' għax l-appellant għażel li ma jweġbux sabiex ma jinkriminax ruħu, in-non tweġiba tiegħu kellha minflok tinkriminah?

iv) Il-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza u d-dritt tas-silenzju ser narmuhom il-barra?

v) Ser nibdew minn issa l-quddiem fil-kamp penali nsejsu l-ġudizzju tagħhna fuq assunzjonijiet u konġetturi?

39. Pero' għal dan kollu l-appellant ma jweħħilx fl-Ewwel Onorabbli Qorti iżda fir-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018. Għalfejn? Propju għaliex skont dan ir-regolament monk kien jinkombi fuq l-appellant – bi ksur u detriment flagranti tad-dritt għas-silenzju tiegħu – li jipprova li filfatt kien hemm *health & safety plan*.

40. Eżerċizzju dan li jiddisintegra kull prinċipju ta' dritt li jsawwar s-sistema penali nostrana. U huwa għal din ir-raġuni li r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018, fil-qagħda attwali tiegħu, huwa perikoluż ferm u għal kollox detrimentali għad-drittijiet fondamentali li jgawdi kull persuna akkużata b'reat.

41. Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li l-appellant jikkontendi li huwa ma seta' bl-ebda mod raġjonevoli jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrih, jikkontedi li jeżistu raġunijiet skont il-liġi sabiex a bażi

tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bażi tal-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tirreferi din il-vertenza ta' natura kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk il-fatt li r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 ma jgħabbix lill-Prosekuzzjoni b'ebda' livell ta' prova qabel tiskatta l-inverżjoni tal-oneru tal-prova għal fuq l-ispalla tal-akkużat, huwiex leżiv tal-priċipju tal-innoċenza kif salvagwardjat bl-artikolu 6(2) u 39(5) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani u l-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament.

C. **<u>Dwar il-Piena Erogata</u>**

42. F'dan it-tielet (3) aggravju, li qiegħed jitressaq strettament mingħajr preġudizzju għall-dawk ta' qablu *ossia* għall-aggravji 'A' u 'B', l-appellant sejjer jagħmel sottomissjonijiet dwar il-piena u juri kif, bir-rispett, il-piena ta' €2,200 hija waħda eċċessiva tenut kont numru ta' fatturi u konsiderazzjonijiet li ser jitressqu taħt dan l-istess aggravju.

C.1. **L-Applikabbilita' tal-Leġislazzoni Sussidjarja 424.33 – Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali)**

43. Fil-każ odjern, l-appellant ġie mixli u *in segwitu* misjub ħati ta' reati kontemplati f'regolamenti magħmula taħt il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

44. In kwantu piena, l-artikolu 38(3) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta testwalment jiddisponi hekk:

"(3) Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja,

il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-ilelf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minn hekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:

**Iżda ebda proċedimenti ma jittieħdu kontra xi persuna li, wara li tkun irċeviet avviż mill-Awtorità għall-pagament ta' penali ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) għax tkun kisret xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att, tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tħallas dik il-penali lill-Awtoritàà, fiż-żewġ każi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet dak l-avviż**." [sottolinejar tal-appellant]

45. Il-'*penali*' li għalihom jagħmel referenza il-*proviso* tal-artikolu 38(3) su ċċitat huma dawk maħsuba fl-ewwel (1) skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.33[6] tal-Liġijiet ta' Malta tant li r-regolament 3 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jistipula illi:

"3. (1) **Fejn l-Awtorità tavża lil xi persuna għall-ħlas ta' penali skont l-artikolu 38(3) tal-Att, l-ammont tal-penali għandu jkun determinat b'referenza għall-iSkeda I**.

[6] Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali).

(2) It-tieni kolonna tal-Iskeda I tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur tal-liġi, liema deskrizzjoni m'għandhiex tintuża għal skop ta' interpretazzjoni tar-regolamenti ċitati, it-tielet kolonna tistabilixxi l-penali li trid titħallas, u r-raba' kolonna tirreferi għar-regolamenti li għalihom tkun qed tapplika l-penali.

3) Il-penali tibda tgħodd mill-ġurnata li fiha jkun wasal dak l-avviż.

(4) Jekk il-parti avżata tonqos milli tħallas il-penali jew penalitajiet li għandhom jitħallsu sa ħmistax il-ġurnata minn meta jkun wasal l-avviż, ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri kontra l-parti avżata, skont l-artikolu 38 tal-Att, li jistgħu jwasslu, jekk il-persuna tinstab ħatja, għal multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, u li f'kull każ ma tistax tkun inqas minn dik il-multa jew multi li persuna tkun avżata tħallas mill-Awtorità.

(5) L-Awtorità tista' skont id-diskrezzjoni tagħha, tagħti struzzjonijiet li kull multa li persuna tintalab tħallas, tkun tista' titħallas bin-nifs f'dawk l-ammonti u fir-rigward ta' dawk l-intervalli rikorrenti kif l-Awtorità jkun jidrilha xieraq, b'dana li l-perjodu li fih ikun irid jitħallas l-ammont ma jkunx jista jaqbeż tlett snin, u li fin-nuqqas ta' ħlas ta' wieħed mill-pagamenti dovuti, l-ammont sħiħ ikun irid jitħallas fil-pront.

(6) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, multi dovuti wara avviż maħruġ mill-Awtorità għandhom ikunu meqjusa bħala dejn ċivili" [sottolinejar tal-appellant].

46. Fil-każ odjern jemerġi li għal xi raġuni li tafha l-OHSA, il-*proviso* tal-artikolu 39(8) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġiex applikat fil-konfront tal-appellant, u minflok, tali Awtorita' dehrilha li għandha immedjatament tixli lill-appellant quddiem il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet supra-dedotti.

47. Ir-raġuni għaliex sar dan hija sal-lum misteru. Id-diċitura tal-*proviso* msemmi hija waħda ċara kristallina u ċioe' li ebda' proċediment kriminali ma għandu jinbeda kontra individwu jekk wara li jkun rċievha l-avviż mill-OHSA, huwa jkun ħallas il-penali applikabbli u *di piu* ottempra ruħu mad-disposizzjonijiet vjolati fi żmien ħmistax (15) -il jum minn notifika tal-avviż.

48. Tali avviż, l-appellant ma wasal għandu qatt u kwindi, b'mod għal kollox arbitrarju u inspejgabbli, l-appellant ġie mċaħħad mill-"benefiċċju" maħsub fil-*proviso* tal-artikolu 38(3) tal-Kap. 424.

49. Kieku filfatt l-appellant ġie applikat a favur tiegħu id-dispost tal-liġi f'dan il-*proviso* qabel ma ġie mixli bil-proċeduri kriminali odjerni, l-ammont pekunjarju li kien ser jiġi mġiegħel iħallas qua penali kien ikun **<u>ferm inqas</u>** mill-multa fuqu mposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

50. Fl-isfond tal-premess, l-appellant għalhekk jitlob illi ai fini ta' piena, il-fatt li l-OHSA, b'mod inspjegabbli, naqqset li tapplika a favur l-appellant il-*proviso* tal-artikolu 38(3) tal-Kap. 424, għandha titpoġġa fil-perspettiva sħiħa tas-sitwazzjoni u timmilita favur il-kominar ta' piena iktar miti.

C.3. **L-Element ta' Proporzjonalita' bejn ir-Reati kommessi u l-Piena Erogata**

51. Għal kull buon fini l-appellant jikkjarifika li bl-ebda mod ma huwa qed jipprova jiġġustifika kwalsiasi ksur ta' liġi. Xejn affattu. Anzi reat kriminali jibqa' reat kriminali, u jekk tinstab ħtija, l-persuna misjuba ħatja mistennija illi tieħu l-piena li jistħoqqilha.

52. Madanakollu, l-piena ma għandhiex tingħata biss biex jiġi kkastigat individwu u jekk xejn tali piena għandha tkun tirrifletti l-gravita' tas-sitwazzjoni u l-isforz li jkun għamel dak li jkun sabiex jimminimizza l-konsegwenzi.

53. Fil-każ odjern, il-piena pekunjarja nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ta' €2,200, piena li minkejja li hija entro parametri, hija waħda, fl-umli fehma tal-appellant, manifestament eċċessiva u sproporzjonata tenut kont iċ-ċirkostanzi li jsawwru l-każ in disamina.

54. L-appellant, bħal kull persuna oħra tas-soċjeta', għandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu li għandhom jiġu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* huwa ħati. Għaldaqstant, l-appellant m'għandux ikun soġġett għal piena ħarxa u sproporzjonata. F'ċirkostanzi fejn huwa jiġi soġġett għal piena sproporzjonata, jkun hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

55. L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula illi*: 'Is-severità tal-piena m' għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.'*

56. *Di piu,* l-artikolu 52 tal-istess dokument ikompli jispjega li:

"Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u

għandha tirrispetta l-essenza ta’ dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.”

57. L-istess Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew jelenkaw, fl-artikolu 52, erba’ elementi:

1. Il-limitazzjoni trid toħrog mil-liġi;
2. Tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet;
3. Jissodisfa l-interess ġenerali jew jipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta’ oħrajn;
4. Tkun suġġett għal prinċipju tal-proporzjonalita`.

58. Sabiex wieħed jistabilixxi jekk piena tosservax il-prinċipju tal-propozjonalita’ jeżistu diversi eżamijiet. Fil-fatt, **il-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta’ Drittijiet Fundamentali** jispjega li “*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*”.

59. Il-prinċipju ta’ proporzjonalita’ bejn ir-reat u s-severita’ tal-piena nflitta jemerġi wkoll minn Sezzjoni A tal-artikolu 4 tar-‘**Recommendation No. R (92) 17 – Of The Committee of Ministers to Member States Concerning Consistency in Sentencing**.’ Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbillixxu l-bażi loġika għall-piena kif ukoll jistabbilixxu miżuri u linji gwida sabiex jinħoloq bilanċ bejn is-serjeta’ u s-severita’ tar-reat u l-piena. Sezzjoni A tal-artikolu 6 tistipula li:

"6. Sentencing rationales should be consistent with modem and humane crime policies, in particular in respect of reducing the use of imprisonment, expanding the use of community sanctions and measures, pursuing policies of decriminalisation, using measures of diversion such as mediation, and of ensuring the compensation of victims."

60. F'dan l-isfond, l-appellant jirrileva illi għalkemm f'ċertu każijiet il-paraguni huma odjużi u l-kalkolu tal-piena għandu jirrifletti l-fattispeċje ta' kull każ, huwa ma jistax ma jagħmilx aċċenn għall-fatt li meta kkumparat ma każijiet simili fejn in-nuqqasijiet kienu saħansitra iktar flagranti, il-piena pekunjarja inflitta kienet ferm inqas mill-piena illi ġiet inflitta fuq l-appellant.

61. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Simon J. Camilleri et**, mogħtija nhar id-29 ta' April 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[7] fejn si tratta ta' imputazzjonijiet u fatti-specje similissimi, il-piena kominata kienet dik ta' €1,000.

62. L-appellant jagħmel ukoll referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Joseph Vella u Antonia Vella**, mogħtija nhar is-16 ta' Jannar 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[8] fejn il-piena nflitta saħansitra kienet waħda ta' *conditional discharge* fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

63. Finalment, l-appellant jagħmel ukoll referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Michael Ellul Sullivan**, mogħtija nhar it-18 ta' Ġunju

[7] per Onor. Imħallef Edwina Grima.
[8] per Onor. Imħallef Aaron Bugeja.

2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[9] fejn il-multa mposta mill-Ewwel Qorti fl-ammont ta' €466.00 ġiet konfermata fl-appell.

64. Għalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' waħda jeħtieġ li tkun waħda proporzjonata. Dan joħroġ biċ-ċar fil-każ: ***Ute Reindl, ippreżentat minn MPREIS Warentvertriebs GmbH v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck***, deċiża nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet hekk:

> "According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive. In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation."

65. Fil-fatt, hekk kif jgħid tajjeb l-awtur Profs. Dr. Albin Eser fil-kitba ntitolata '***Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights***':

> "On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the wrong and the individual severity of blame- worthiness have a

[9] per Onor. Imħallef Michael Mallia.

particular meaning. In every single case it has to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned."

66. Għalhekk, fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena ta' multa fl-ammont ta' €2,200 hija waħda sproporzjonta u eċċessiva u kwindi timmerita temperament.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Gunju, 2023.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar it-13 ta' Marzu, 2024.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 2024 fejn cahdet it-talba tal-appellant ghar-referenza kostituzzjonali

Rat illi nhar id-17 t' Ottubru, 2024 l-partijiet ghamlu referenza ghat-trattazjoni taghhom datata it-13 ta' Marzu, 2024.

**Ikkunsidrat,**

**Fl-ewwel aggravju u cioe' dak immarkat bl-ittra A,** l-appellant qed jargumenta illi ma kien hemm l-ebda agir kolpuz da parte tieghu.

Illi l-appellat gie akkuzat fl-ewwel imputazzjoni talli fil-kapacita' tieghu ta' *project supervisor* mahtur mill-klijent f' Benmar, Triq Dawwret it-Tunnara, Ghadira, Mellieha, nhar l-20 ta' Lulju 2022 matul il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol

billi naqas milli jiehu mizuri xierqa u sufficjenti sabiex jippreveni waqghat mill-gholi u dan ai termini ta' Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018.

Artikolu 6 ta' A.L. 88/2018 jew L.S. 424. 36 jistipula s-segwenti:

> *'Is-supervisor tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.'*

Id-definizzjoni tal-kelma 'progett' f' L. S. 424.36 hija li *'tfisser kull żvilupp li jinkludi jew li* ***hu intenzjonat li jinkludi xogħol ta' kostruzzjoni.'*** Sit ta' kostruzzjoni skont L. S. 424.36 *'tfisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn* ***jitwettqu*** *xogħolijiet ta' bini jew ta' inġinerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I.'* Din l-Iskeda tinkludi s-segwenti xoghlijiet:

1. *Tħaffir*
2. *Xogħlijiet l-art*
3. *Bini*
4. *Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati*
5. *Konverżjoni jew iffittjar*
6. *Alterazzjonijiet*
7. *Rinnovament jew restawr*
8. *Tiswijiet*
9. *Ħatt*
10. *Twaqqiegħ*
11. *Manutenzjoni fi stat tajjeb*
12. *Manutenzjoni - żebgħa u tindif*
13. *Drenaġġ*

Kif xehedet Mira Borg Pisha, hija nnutat nuqqas ta' lqugh fil-livell tal-*penthouse* u dan kif jidher ukoll fir-ritratt esebit minnha a fol. 2 tal-process u mmarkat bhala Dok MBP.

Illi f'dan l-istadju, u wara dak kollu sucitat, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Orazio (Grazio) Vella**[10] fejn il-Qort tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*41. Issa filwaqt li l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta huwa t'indoli ġenerali u jimponi l-obbligi fuq min iħaddem mingħajr ma jidentifika b'mod preċiż x'inhuma dawk il-miżuri fl-ispeċifiku li jeħtieġ li jittieħdu, l-Avviż Legali 88 tal-2018, fis-Sezzjoni II Pari B tal-Raba' Skeda tagħha, u liema Avviż Legali kien daħal fis-seħħ fl-1 t'Awissu 2018, jindika b'mod eżwarjenti x'inhu dak it-tagħmir li jrid jintuża sabiex jiġu evitati waqgħat mill-għoli kif ukoll x'miżuri jridu jittieħdu għall-istess skop:*

*Waqgħat mill-għoli*

*5.1. Ix-xogħol fil-għoli għandu jiġu ppjanati sew u mwettqa fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-artikolu 6(2) tal-Att u r-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol, (L.S. 424.18).*

*5.2. Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull min iħaddem u, jew il-persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa'distanza li tista' tikkawża dannu personali.*

*5.3. Fil-prinċipju, xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta'protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta'sigurtà. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-5 t' April, 2022

*ekwivalenti. Jekk l-użu ta' tagħmir bħal dan ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa ta' aċċess u arneż tas-sigurtà jew metodi oħra ta' ankoraġġ għandhom jintużaw.*

***<u>5.4 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Ilqugħ prottetiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb usod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall iskopli huma użati. Rpar, barriri jew forma oħra ta'protezzjoni għandhom ikunu mqiegħda sabiex jevitaw safejn hu possibli l-waqgħa tal-persuni. Meta l-għeluq huwa użat, dan għandu jkun jiftiehem b'mod li jipprevjeni l-waqa' ta' persuni, materjal jew oġġetti, liema kopertura għandha tkun kjarament mmarkata biex turi l-iskop tagħha, tiġi mwaħħla sew fil-pożizzjoni, tkun ta' kostruzzjoni tajba u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati.</u>***

*42. Illi kif diġa ntqal iktar 'il fuq, kemm mix-xiehda ta' Mira Borg Pisha kif ukoll minn dik ta' Stefan Salonome, jirriżulta li dakinhar tas-7 ta' Settembru 2018 kif ukoll fil-jiem ta' qabel, l-appellat ma kellux fuq il-post ta' fejn kien qiegħed isir ix-xogħol riskjuż, tagħmir jew ilqugħ bħal dak indikat fil-Liġi. B'hekk dan ifisser li x-xogħol li kien qiegħed isir, u b'mod partikolari dak li kien iġorr miegħu riskju ta' waqa' mill-għoli, kien qiegħed isir bi ksur tal-Liġi.'*

Kif tajjeb kwotat fis-sentenza sucitata, fir-rigward il-waqghat mill-gholi l-appellant kellu jiehu l-mizuri necessarji skont il-ligi mhux sabiex jigu ssalvagwadjati l-haddiema

biss izda kwalunkwe persuna, anke xerrejja prospettivi li setghu marru mieghu stess fuq il-post.

L-appellant jargumenta illi r-regolament 6 ta' S.L. 424.36 ghandu jinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi r-regolament 7 u li jiprovdi hekk:

> *'L-ebda azzjoni, jew proċedimenti oħra għad-danni għandha tkun jew ikunu stitwiti kontra supervisor tal-proġett għall-att li jsir bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba s-supevisor tal-proġett ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti.'*

Illi l-appellant jelabora illi l-irwol tal-prosekuzzjoni fi procideimenti kriminali ma hux biss li tidentifika nuqqas u tieqaf hemm, izda in linea mad-dettami tar-regolament 7 sucitat, tipprova ness ta' kawzalita' bejn l-agir tal-akkuzat u n-nuqqas u li tipprova sodisfacjentament ukoll li tali agir kien wiehed negligenti. Madankollu, l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni kull ma ghamlet hu li rrikonstratat in-nuqqasijiet u strahet fuq dak mahsub fir-regolament 15 tal-Avviz 88 tal-2018 jew tal-L.S. 424.36 li effettivament jikkonverti l-oneru tal-prova ghal fuq l-akkuzat sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu u jipprovdi spjegazzjoni ghan-nuqqas. L-appellant isostni illi *se mai* l-inverzjoni tal-prova tiskatta fuq l-akkuzat wara li l-Prosekuzzjoni tkun sodisfacjentament ippruvat l-agir kolpuz tal-akkuzat u mhux qabel.

Illi r-regolament 15 ta' L.S. 424.36 iqieghed l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkuzat f'dawn il-kazijiet meta hemm hekk dispost:

> *'F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli,* ***ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx***

***hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.'***

**Ikkunsidrat,**

Illi f'dan il-punt il-qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**,[11] fejn il-Qorti dahlet fid-dettal fuq l-element tal-kulpa, li zewg partijiet it-tnejn elaboraw fuqu f'dan il-kaz:

> *'Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. II-kulpa l-ohra (cosciente) tirriżulta meta quddiem il-kondotta ta' l-agent, I-akkadut dannuż, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibbli, u, b'danakollu, hu xorta jwettaq dak l-aġir tiegħu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jiġrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) għalhekk hi forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), ċjoè dik tal-prevedibbli imma mhux previst, u dan ghaliex fil-każ tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta', u tikkonfina mad-doluż, il- volut;*
>
> ***Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili;***
>
> ***L-imprudenza tiġi mill-agir ta' xi hadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli;***
>
> ***In-negligenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tiegħu;***

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998.

***L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, cioè, kif jghid il-Manzini "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto";***

***Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll għal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorità pubblika dwar xi attività determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilità ta' hsara u dannu lil terzi,[12] cioè, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, bħal ma hi, f'dan il-każ odjern, l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101);***

*Taht dawn il-form ta' kondotta kolpuża sia minhabba imprudenza, negligenza u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibbilità.* ***Il-prevedibbilità tibqa essenzjali taht kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem in-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentri hija prezunta fil- forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghall-kuntrarju. Hija hawnhekk preżunzjoni assoluta. Ma jistax l-agent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minhabba n-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element tal-prevedibilità tal-legislatur qed jissostitwixxi dik ta' l-aġent. Hu preciżament***

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

> ***għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali;'***

Illi fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, telghet tixhed Mira Borg Pisha in rapprezentanza tal-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol fejn ikkonfermat li ghamlet spezzjoni fuq sit gewwa l-Ghadira, fejn innutat binja li l-ahhar sular kellu nuqqas ta' protezzjoni ta' *barrier*. Hi esebiet ritratt tal-binja u dokument fejn irrizulta li l-appellant kien il-*project supervisor* tas-sit. Fl-istess gurnata li saret l-ispezzjoni u cioe' nhar l-20 ta' Lulju, hija qalghet li baghtet email lill-appellant sabiex jibatilhom kopja tal-*Health and Safety Plan* u sabiex jattendi l-Awtorita' ghal-laqgha. Hija esebiet kopja ta' din l-email u qalet illi sa dak inhar kienet ghadha ma rcevitx kopja tal-*Health and Safety Plan* u l-*meeting* ma sarx.

Illi bla dubju ta' xejn, in-nuqqas ta' lqugh jew barrieri fl-ahhar sular huwa evidenti fir-ritratt esebit. L-appellant jargumenta illi huwa kull ma seta' jaghmel jigbed l-attenzjoni tal-klijent sabiex dawn il-barrieri isiru, madankollu din il-Qorti ma taqbilx u dan stante l-*project supervisor* m'ghandux xi rwol passiv u ghandu jizgura li jigu obduti l-istruzzjonijiet tieghu. Il-Qorti tfakkar illi f'dawn il-kazijiet jezisti l-inverzjoni tal-oneru tal-prova u ghalhekk jekk l-appellant ghamel dak kollu li seta' sabiex dawn il-barrieri jitwahhlu izda baqghu ma twahhlux, kellu jkun hu li jipprova evidenza f'dan is-sens u mhux bil-maqlub.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet sucitati, l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi respint.

Illi fir-rigward **tat-tieni aggravju u cioe' dak immarkat bl-ittra B** hekk kif imressaq mill-appellant, din il-Qorti diga' pronunzjat ruhha permezz ta' sentenza nhar it-30 ta' Mejju, 2024 fejn kienet cahdet it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali. Ghalhekk

u ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni aggravju tal-appellant.

Permezz **tat-tielet aggravju u cioe' dak immarkat bl-ittra C**, l-appellant qieghed jilmenta illi l-piena eragota mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva.

Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia**[13] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

Illi Artikolu 38(3) ta' Kap. 424 jistipula s-segwenti:

> '(3) *Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minn hekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

*Iżda ebda proċedimenti ma jittieħdu kontra xi persuna li, wara li tkun irċeviet avviż mill-Awtorità għall-pagament ta' penali ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) għax tkun kisret xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att, tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tħallas dik il-penali lill-Awtoritàà, fiż-żewġ każi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun irċeviet dak l-avviż.'*

L-appellant jilmenta dwar il-fatt kif l-Awtorita' ma ghamlitx uzu mill-proviso *supra* citat. Dan il-proviso jintuza ghad-diskrezzjoni tal-Awtorita' nfissha u mhux impost bil-ligi li din tal-ahhar ghandha taghmel uzu minn dan il-provsio f'kull kaz ezistenti. In oltre, il-piena mposta mill-ewwel qorti u cioe' dik ta'multa ta'€2,200, hija pjuttost ragjonevoli meta wiehed jikkunsidra li l-massimu tal-multa setghet tilhaq l-€11,646.87. Ghaldaqstant il-piena hija wahda medja u li tqarreb iktar lejn il-minimu mpost bil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti jidrilha illi l-piena mposta mhux wahda eccessiva u proporzjonata meta jittiehdu in konsiderazzjoni l-akkuzi li l-appellant instab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tichad l-aggravji **kollha** hekk kif imressqa mill-appellant Owen Bonello fir-rikors t'appell tieghu u ghalhekk qieghda tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**